**IT-TIFKIRA TAT-8 TA' SETTEMBRU HIJA RIKONOXXIMENT TAL-IDENTITÀ TAGĦNA; HIJA DIKJARAZZJONI TAL-INDIVIDWALITÀ UNIKA TAGĦNA. DIN IL-KOMMEMORAZZJONI HIJA T-TIĠDID TAL-WEGĦDA TAGĦNA LEJN ART TWELIDNA U L-VALURI LI TIRRAPPREŻENTA. HEMM AKTAR LI JGĦAQQADNA MILLI JIFRIDNA**



**Lino Bianco**
Lettur u Storiku

# L-għaqda nazzjonali permezz tal-umanità

Inġbarna quddiem il-mafkar tal-Assedju l-Kbir tal-1565 biex infakkru r-rebħa milħuqa permezz tal-qlubija ta' missirijietna fil-ġlieda tagħhom kontra l-Imperu Ottoman. L-assedju kien dikjarazzjoni ta' reżiljenza: il-poplu ta' Malta – irġiel, nisa u tfal – ġarrbu flimkien t-tbatija b'kuraġġ hekk kif ħabbtu wiċċhom mal-perikli, mad-dmija u mal-imwiet. Din il-kommemorazzjoni reġgħet bdiet issir ftit wara l-elezzjonijiet għall-Assemblea Leġiżlattiva tal-1927.

F'dik is-sena, l-ewwel diskors kommemorattiv ingħata mill-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.

Fid-diskors tiegħu nkluda r-rebħa tal-Maltin fuq il-Franċiżi fl-1800. Aktar tard, f'din il-kommemorazzjoni ġew inklużi r-rebħiet fuq il-Faxxiżmu u n-Nażiżmu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

It-8 ta' Settembru inizjalment kien issuġġerit bħala l-jum biex ifakkar it-tmiem tal-ħakma kolonjali f'Malta, iżda d-data għal Jum l-Indipendenza eventwalment ġiet stabbilita bħala l-21 ta' Settembru.

Fl-1926, l-artist Malti Antonio Sciortino ġie kkummissjonat biex jiddisinja dan il-mafkar impressjonanti. Bi grammatika metaforika u neoklassika mmarkata mill-assjalità u s-simetrija, din l-opra tal-arti tinkludi blokki tal-ġebel bi tliet figuri allegoriċi mwaqqfa fil-bronż – figura ċentrali b'żewġ figuri oħra, waħda fuq kull naħa.

Il-figura ċentrali tirrappreżenta l-kuraġġ filwaqt li l-figuri fuq il-lemin u x-xellug jissimbolizzaw il-fidi Kattolika u ċ-ċivilità, rispettivament; l-Assedju l-Kbir dejjem tqies bħala r-rebħa tas-Salib fuq in-Nofs Qamar, taċ-ċivilità Latina fuq l-inċiviltà.

Il-mafkar jinsab fil-pjazza bejn il-Katidral ta' San Ġwann u l-Qorti tal-Ġustizzja, il-palazz tal-fidi u l-palazz tal-ġustizzja, rispettivament. Imgeżwer fil-bandiera ta' Malta, dan il-mafkar inkixef erba' xhur qabel it-8 ta' Settembru 1927 mil-Agent Gvernatur Brittaniku.

Waqt l-inawgurazzjoni, kien hemm żewġ diskorsi: wieħed bit-Taljan mill-Prim Imħallef Arturo Mercieca u ieħor bil-Malti mill-Patri Professur Anastasio Cuschieri. Cuschieri kellu fervur speċjali għal ilsien il-poplu Malti, ilsien Semitiku miktub bl-alfabett Latin.

Fil-fatt, huwa l-uniku lsien Semitiku uffiċjali fil-familja Afroasjatika tal-Unjoni Ewropea. Il-Kantilena tas-seklu 15 ta' Pietru Caxaro, l-eqdem test letterarju magħruf fil-lingwa tagħna, ġiet inkluża aktar kmieni din is-sena fir-reġistru internazzjonali tal-UNESCO, Memory of the World. Ilsienna jmur lil hinn mill-post ġeofiżiku tal-gżejjer tagħna.

Illum, kważi seklu minn din l-inawgurazzjoni, aħna miġbura hawn, f'riġlejn dan il-mafkar, bħal-likieku qegħdin f'post ta' qima quddiem ix-xbieha tal-art qaddisa tas-salvazzjoni! X'inhu s-sinifikat ta' din il-kommemorazzjoni għal Malta kontemporanja? X'inhi r-rilevanza tagħha għal Malta tal-lum?

### L-Għaqda permezz tad-determinazzjoni

It-8 ta' Settembru ġie ċċelebrat għall-ewwel darba bħala l-jum nazzjonali fl-1923, ħafna qabel l-Indipendenza ta' Malta u għexieren ta' snin 'il bogħod minn meta kellha tkun stat sovran, meta ma konniex għadna saħansitra sidien ta' art twelidna fil-veru sens tal-kelma.

Il-jum nazzjonali tagħna serviena biex niċċelebraw avvenimenti storiċi kruċjali u biex nenfasizzaw il-kultura u l-identità distinta tagħna fiċ-ċiviltà dinjija. It-8 ta' Settembru ġie stabbilit unanimament bħala l-Jum Nazzjonali ta' Malta matul l-ewwel Assemblea Leġiżlattiva fid-dawl tas-sens ta' għaqda nazzjonali u kburija b'min aħna; l-ispirtu ta' unità nazzjonali kien ilu hemm. Dak iż-żmien, art twelidna kienet għadha taħt il-ħakma kolonjali. Huwa l-jum li għaqqad il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna bħala nazzjon.

Dan il-wirt ġie fdat lilna, u aħna obbligati li nħarsuh, ngħożżuh u nippreservawh għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Jum il-Vitorja jgħaqqadna bħala nazzjon; hija l-festa li tfakkar li meta konna magħqudin, irnexxielna naslu. Meta ffaċċjajna kwistjonijiet ta' libertà u identità, kienu l-għaqda, il-kuraġġ u d-determinazzjoni li wasslu lill-antenati tagħna jiksbu r-rebħiet tagħhom minkejja ċirkostanzi qawwija ħafna.

Eżempju ieħor li wera din l-għaqda nazzjonali kien fl-1957, meta l-Assemblea Leġiżlattiva approvat unanimament ir-riżoluzzjoni tal-Ħruġ mill-Brittanja; jew kif inhija magħrufa aħjar: il-Break with Britain Resolution.

Il-mexxejja politiċi ewlenin ta' dak iż-żmien kienu l-aqwa statisti ta' Malta – Dom Mintoff u Ġorġ Borg Olivier. Mar-riżenja ta' Mintoff mill-kariga ta' Prim Minstru, Ġorġ Borg Oliver irrifjuta li jifforma gvern ta' minoranza.

Irrispettivament mid-differenzi fl-opinjonijiet tagħhom dwar kif jiksbu l-Indipendenza u l-libertà, iż-żewġ mexxejja kienu leali lejn il-ġurament tagħhom biex iservu lill-poplu Malti u kellhom lin-nazzjon għal qalbhom. Kemm Ġorġ Borg Olivier kif ukoll Dom Mintoff ħabbew u ħadmu għall-kawża ta' Malta bħala stat sovran u demokratiku biex iservi bħala raġġ imdawwal ta' paċi u mhux ta' gwerra.

Għalkemm ġew minn naħat opposti tad-diviżjoni politika u kellhom opinjonijiet differenti, huma ttrattaw il-messaġġ, mhux il-messaġġier. Ir-rispett reċiproku tagħhom fuq bażi personali għen biex jgħaqqad lill-poplu tagħna.

Manifestazzjoni oħra ta' kuraġġ u determinazzjoni kienet meta l-Parlament ta' Malta qabel u aċċetta li jinkludi l-prinċipji tan-newtralità militari u tan-non-allinjament fil-Kostituzzjoni tagħna. Għal sekli sħaħ ħabbatna wiċċna mal-miżerja hekk kif konna mġiegħla nservu u niġġieldu l-gwerer ta' ħaddieħor. M'aħniex nazzjon ta' gwerriera; il-karatteristiċi tagħna huma l-ospitalità u l-imħabba għall-paċi.

L-Atti tal-Appostli jfakkru kif inies tal-post laqgħu lil San Pawl u lil dawk abbord – il-vulnerabbli – wara n-nawfraġju tagħhom "bi ħlewwa liema bħalha" u pprovdewlhom ikel u kenn.

Bl-emenda kostituzzjonali, l-istatus u l-vokazzjoni nazzjonali tagħna ġew inklużi fl-ogħla liġi tal-istat. Il-Kostituzzjoni tagħna ssostni li Malta hija stat newtrali li qed ifittex attivament il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jaderixxi ma' politika ta' non-allineament u billi jirrifjuta li jipparteċipa f'kull alleanza militari.

Dak iż-żmien, il-ġlieda biex niksbu u niżguraw in-newtralità kienet sfida kbira ta' diplomazija. Il-pożizzjoni ta' Malta kienet rispettata mis-superpotenzi ta' dak iż-żmien.

Xhieda qawwija tal-politika barranija ta' Malta kienet is-Summit ta' Malta fl-1989, fejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika ddikjaraw tmiem il-Gwerra Bierda. L-għażla tagħhom tal-gżejjer tagħna tfakkar fir-reputazzjoni twila tagħna bħala post ta' kenn f'nofs il-Baħar Mediterran. In-newtralità militari u n-non-allinjament mhumiex xi 'trump card' fil-politika barranija. Dawn il-prinċipji jinstabu f'qalb il-poplu tagħna; dawn isaħħu s-sejħa ta' Malta biex issegwi u żżomm rapport paċifiku man-nazzjonijiet kollha.

### L-għaqda permezz tal-fidi

Il-konċentrazzjoni ta' wirt mibni li jmur lura għal żmien il-qedem tindika li l-gżejjer tagħna kienu santwarju li jħaddan fih postijiet ta' qima. Kienu postijiet ta' kenn u protezzjoni, li jixhdu fiduċja sħiħa f'qawwa suprema u ogħla li tagħti direzzjoni, assistenza, u eventwalment, ħelsien.

Il-fidi hija twemmin b'konvinzjoni qawwija. Il-Kostituzzjoni tagħna tiddikjara li l-fidi tagħna hija Kattolika Rumana. Il-Kristjaneżmu, l-Iżlam u l-Ġudaiżmu huma reliġjonijiet ewlenin fil-Baċir tal-Mediterran, u tabilħaqq tal-Ewropa u tal-Asja tal-Punent. Huma reliġjonijiet monoteistiċi Abramiċi; it-tradizzjonijiet spiritwali tagħhom għandhom valuri, tagħlim u moralità simili; dawn il-valuri jiżguraw li l-popli kollha jgħixu f'armonija.

Dawn ir-reliġjonijiet kollha ma japprovawx ir-regħba; jitolbu mġiba morali u kompassjoni fil-ġenerazzjoni tal-ġid.

Ir-regħba hija egoistika. Hija l-oppost tal-kompassjoni u tal-altruiżmu. Ir-regħba tagħmel vulnerabbli lil dawk li jgħixu fil-kumdità u lill-vulnerabbli twassalhom għad-disprament.

Ir-regħba ddgħajjef l-għaqda fin-nazzjon tagħna, l-għaqda li qiegħda x'imkien fin-nofs, aktar milli fl-estrem tal-għonja rgħiba jew fl-estrem tal-foqra vulnerabbli. Fil-messaġġ tiegħu għall-okkażjoni ta' Jum il-Vitorja tal-1927, il-Prim Ministru Gerald Strickland qal li aħna għandna għan wieħed: "il-

# Inħarsu wirt missirijietna



benesseri, il-prosperità u l-hena tan-nazzjon”. Ix-xemx titla’ għal kulħadd. Ir-regħba tiġġenera finanzi malajr għall-ftit iżda teqred l-ekonomija fit-tul. Ejjew ma nħawdux il-finanzi mal-ekonomija; din tal-aħħar mhijiex xjenza aritmetika iżda waħda soċjali. Meta wieħed jara biss sal-ponta ta’ mnieħru, viżjoni werċa jkollu.

## L-għaqda permezz taċ-ċiviltà

Iċ-ċiviltà tiffjorixxi fejn isaltnu l-għerf, il-ġustizzja u d-dritt. Is-saltna tad-dritt ma timplikax id-dritt li tmexxi. Malta hija repubblika demokratika.

Id-demokrazija hija r-rieda tal-maġġoranza fuq il-minoranza. Permezz ta’ skrutinju rigoruż, in-nazzjon mgħandux ħlief x’jibbenefika meta jittieħdu deċiżjonijiet li jqisu l-perspettivi u l-opinjonijiet differenti. Il-lealtà lejn il-ġid tan-nazzjon u r-rispett lejn xulxin jiżguraw ftehim mimli kompassjoni u umanità li jgħin biex tittejjeb il-ħidma tal-gvern.

Fid-diskors tal-inawgurazzjoni ta’ dan il-mafkar, Cuschieri stqarr li fejn hemm il-patrija, m'hemmx politika partiġġjana iżda mħabba. Matul il-mandat tagħhom, il-Membri Parlamentari kollha għandhom jilħqu lil ħaddieħor, kemm jekk huma tal-istess fehma politika tagħhom jew le, kemm jekk mid-disrett tagħhom jew le.

Il-gżejjer tagħna huma distrett wieħed; aħna lkoll familja waħda. In-nuqqas ta’ qbil huwa san, iżda l-qbil biex jintlaħaq ħaddieħor huwa aktar san, aktar rakkomandat u aktar għaqda fi żmien ta’ prova. Wieħed jaħsad dak li jiżra’. Ejjew nitbiegħdu mill-ego tagħna biex noqorbu lejn l-empatija, nitbiegħdu mid-diskors politiku kattiv u noqorbu lejn wieħed imsejjes fuq l-imħabba u r-rispett reċiproku. Id-diviżjoni politika distruttiva xxekkel il-progress; id-dewumanizzazzjoni tal-avversarju ddgħajjef lilna nfusna u twassal għal rappreżentazzjoni qarrieqa tagħna nfusna; hemm it-tajjeb f’kull wieħed u waħda minna. It-tajjeb jgħaqqadna.

## L-għaqda fid-diversità

Ħadd ma jħalli art twelidu biex isib kenn f’art oħra jekk mhux bittama f’mod ta’ ħajja aħjar. Matul it-tmexxija kolonjali Ingliż, il-poplu Malti ġie mħeġġeġ u megħjun biex jemigra.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, numru mdaqqas ta’ żgħażagħ emigraw legalment lejn pajjiżi li jitkellmu bl-Ingliż bħall-Awstralja, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

Dawn emigraw fejn kien hemm domanda għall-ħaddiema, u b’hekk kisbu flus biex jiżguraw li l-familji tagħhom ikollhom x’jieklu u jkunu jistgħu jgħixu aħjar. Dawn l-artijiet ipprovdew opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet ta’ qabilna. F’Malta tal-lum, il-qgħad huwa xi ħaġa tal-passat.

Għall-kuntrarju, hawn nuqqas ta` ħaddiema għal impjiegi li jirrikjedu xogħol intensiv. Il-ħaddiema barranin huma meħtieġa biex isostnu l-ekonomija tagħna. Xi wħud ifittxu lil Malta bħala post ta’ kenn u protezzjoni – biex nużaw il-kważi-idjoma Tuneżina, “Malta ħanina, ħobża u sardina.”

L-immigranti bil-ktieb tax-xogħol jieħdu ħsieb is-sistema tagħna talġbir tal-iskart; huma bzonjuzi għas-setturi tal-kostruzzjoni, tal-kura tas-saħħa u oħrajn.

L-immigranti minn pajjiżi differenti waqqfu diversi assoċjazzjonijiet f’Malta li bl-avvenimenti kulturali u l-inizjattivi komunitarji tagħhom isebbħu u jarrikkixxu l-kalendarju diġà rikk tagħna. Id-differenzi, mhux l-omoġenjità, jarrikkixxu l-għaqda. Għaliex ma nirrispettawhomx u ma naċċettawhomx hekk kif id-dijaspora Maltija hija rispettata u aċċettata fil-pajjiżi rispettivi fejn qed jgħixu l-emigranti Maltin?

Il-ħaddiema barranin huma vulnerabbli għall-isfruttament. Bħalna, huma bnedmin u bħalna, għandhom dinjità. Inġabu hawn biex jgħinu l-ekonomija tagħna bħala ħaddiema mhux bħala lsiera; jistħoqqilhom rispett u mhux sfruttament tal-għaraq ta’ ġbinhom. Is-sigurtà u d-drittijiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol m’għandhomx ikunu differenti minn dawk tan-nies tal-post. Lil hinn min-nazzjonalità hemm l-umanità.

Ġimgħat ilu, il-Kamra tal-SMEs irrikonoxxiet li n-nuqqas ta’ ħaddiema għadu problema, iżda l-ħiliet tal-ħaddiema li qed jinġiebu qed jitjiebu.

L-iskrutinju xieraq ta’ min jitħalla jidħol u ma jidħolx fil-pajjiż huwa ta’ benefiċċju kbir għas-soċjetà tagħna – ma nistgħux inħallu lil kulħadd jidħol meta nqisu d-daqs żgħir tagħna – l-istat bl-aktar popolazzjoni densa fl-Unjoni Ewropea.

Il-barranin edukati jkunu kolti jekk jirnexxilhom jagħrfu d-drawwiet lokali tal-pajjiż li jżuru jew jgħixu fih. Jekk jirrispettaw il-pajjiż li qiegħed jilqagħhom u r-regoli tiegħu, jitnaqqsu l-kunflitti kulturali, bħal dawk li naraw f'Malta llum il-ġurnata.

Id-diversità kulturali tarrikkixxi n-nazzjon tagħna, iżda m’għandniex inwarrbu l-kultura u t-twemmin tagħna biex inkunu ‘politikament korretti’ jew ‘favur id-diversità’. Bħala nazzjon, għandna nżommu ma’ dak li huwa tagħna u mhux nippromwovu l-qerda bil-mod iżda kostanti tal-identità tagħna.

It-tifkira tat-8 ta’ Settembru hija rikonoxximent tal-identità tagħna; hija dikjarazzjoni tal-individwalità unika tagħna. Din il-kommemorazzjoni hija t-tiġdid tal-wegħda tagħna lejn art twelidna u l-valuri li tirrappreżenta.

Hemm aktar li jgħaqqadna milli jifridna. Ejjew niffokaw fuq tal-ewwel. Dan huwa l-mod kif inrawmu nazzjon aktar b’saħħtu u ninkoraġġixxu bidla kostruttiva.

Li nwarrbu l-interessi personali favur valuri kondiviżi u l-ġid komuni jgħinna bħala nazzjon biex naħdmu flimkien biex insolvu t-tilwim; l-interess nazzjonali jipprevali. Kulħadd rebaħ meta l-ġenerazzjonijiet tal-passat ġibdu l-ħabel fl-istess direzzjoni.

Ejjew inxettlu l-kuraġġ u r-reżistenza biex naħdmu lejn il-kunsens fil-kwistjonijiet nazzjonali, kemm fil-fora lokali kif ukoll f’dawk barranin. Il-gżejjer tagħna se jibqgħu fil-għoli qalb nazzjonijiet oħra bħala nazzjon stmat għall-ispirtu uniku u għall-umanità dejjem imġedda tiegħu.

Il-kuraġġ jitwieled mill-qalb, il-fidi mir-ruħ, u ċ-ċivilità mill-moħħ. Ir-relazzjoni simbjotika bejniethom tiżgura l-għaqda tagħna bħala nazzjon. M’hemmx għalfejn wieħed jiġġustifika l-eżistenza tiegħu; l-Aħna huwa akbar mill-Jien. “Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem”.Jalla l-għaqda u l-paċi jirbħu fost il-poplu Malti.